**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 149/2018 RM**

**Tigran Arutyunyan, u permezz ta' digriet datat 13 ta' Awwissu 2018, isem l-attur gie sostitwit bil-kliem "It-Tabib Arsen Avakyan (I.D. 101375A) bhala mandatarju tal-assenti Tigran Arutyunyan"**

**-vs-**

**Charles Agius**

**Illum, 15 ta' Lulju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Gunju 2018 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000), rapprezentanti ammont ta' flus mghoddija lilu minn Tigran Arutyunyan, b'titolu ta' self brevi manu fil-11 ta' Dicembru 2012 u li kellhom jithallsu lura fl-ahhar ta' Mejju 2015, liema ammont baqa' ma thallasx u dan nonostante diversi intimazzjonijiet, inkluz ittra ufficjali datata 20 ta' Jannar 2017, li giet debitament notifikata, u ittra ufficjali tal-1 ta' Mejju 2018, li ghadha pendenti notifika. Dan oltre spejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali imsemmija u

imghaxijiet mill-31 ta' Mejju 2013, kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut gie notifikat bir-Rikors promotur u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta[1];

Rat illi bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 187(3), il-konvenut gie notifikat fit-tielet jum utili wara d-data tal-ahhar publikazzjoni, liema pubblikazzjoni tal-ahhar, f'dan il-kaz, saret fil-25 ta' Ottubru 2018;

Rat illi l-konvenut baqa' ma deherx quddiem il-Qorti biex jikkontesta l-kawza u lanqas ma pprezenta ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni;

Rat illi b'digriet tas-7 ta' Novembru 2018 gie mahtur Dr. Steven Farrugia Sacco sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament tal-attur permezz ta' mezzi elettronici billi l-attur jirrisjedi barra minn Malta;

Rat illi b'digriet tad-29 ta' Mejju 2019 giet revokata l-hatra ta' Dr. Steven Farrugia Sacco u gie ordnat li x-xhieda tal-attur tinghata bil-mezz tal-vidjokonferenza;

Semghet ix-xhieda ta' Tigran Arutunyan bil-mezz tal-vidjokonferenza a tenur tal-Artikolu 622B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

---

[1] Vide fol. 19 sa 25 tal-atti.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2019 gie dikjarat li l-attur ma ghandux iktar provi x'iressaq u l-Qorti giet mitluba thalli l-kawza ghas-sentenza;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur Tigran Arutyunyan, rapprezentat f'din l-azzjoni mill-mandatarju specjali tieghu Dr. Arsen Avakyan, qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' €10,000 rapprezentanti ammont ta' flus li gie mghoddi lill-konvenut b'self brevi manu fil-11 ta' Dicembru 2012, liema self kellu jithallas lura lill-istess attur sa mhux iktar tard mill-ahhar ta' Mejju 2013.

Il-Qorti semghet id-depozizzjoni tal-imsemmi Tigran Arutyunyan[2], fejn spjega illi huwa kien silef dan l-ammont fi flus kontanti lill-konvenut, li kien talbu jisilfu din is-somma ghaliex kellu xi diffikoltajiet finanzjarji. L-attur gharaf id-dokument li jinsab esebit a fol. 2 tal-atti bhala kopja tal-iskrittura li giet miktuba u ffirmata mill-konvenut stess fil-prezenza tieghu u kkonferma wkoll illi l-konvenut mhux biss baqa' ma hallasx lura l-ammont lilu misluf fiz-zmien lilu koncess, izda li sal-lum ghadu ma rcieva ebda pagament minghand il-konvenut.

Il-konvenut, kif inghad, huwa kontumaci u baqa' qatt ma kkontesta jew talab illi jikkontesta t-talba attrici. Fic-cirkostanzi l-Qorti ma ghandha quddiemha l-ebda verzjoni hlief dik tal-attur u wara illi semghet ix-xhieda tal-imsemmi Tigran Arutyunyan u rat id-dokument a fol. 2, il-Qorti tqis illi t-talba attrici giet debitament ippruvata, hija wahda gustifikata u konsegwentement, timmerita li tigi akkolta.

Ikkunsidrat;

[2] Fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2019.

Kwantu ghat-talba ghall-hlas tal-imghax fuq il-kapital sa mill-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti tosserva illi l-obbligazzjoni mertu tal-azzjoni odjerna, cioe` l-hlas lura tas-self, hija obbligazzjoni ta' natura civili u mhux kummercjali u konsegwentement, a tenur tal-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili, l-imghax dan ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel interpellazzjoni ufficjali li saret lill-konvenut. Izda, f'dan il-kaz, ghalkemm fir-Rikors promotur jissemmew zewg interpellazzjonijiet ufficjali li saru lill-konvenut, wahda datata 20 ta' Jannar 2017 u ohra datata 7 ta' Mejju 2018, dawn ma gewx esebiti fl-atti. Billi ghalhekk ma giex ippruvat illi l-konvenut gie interpellat ufficjalment qabel giet istitwita l-azzjoni odjerna, il-Qorti tqis illi l-konvenut gie interpellat ufficjalment ghall-ewwel darba ghall-hlas lura tas-self mertu ta' din il-kawza, bil-prezentata tar-Rikors promotur.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur Dr. Arsen Avakyan bhala mandatarju specjali tal-assenti Tigran Arutyunyan, u tikkundanna lill-konvenut Charles Agius ihallas lill-istess attur is-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) rapprezentanti flus misluf brevi manu lill-konvenut kif imfisser fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data tas-sejha gudizzjarja cioe` d-data tal-prezentata tal-istess Rikors promotur, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Dr Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**